

Il-Ħamis 14 ta' April 2016

P8_TA(2016)0126

Il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew leżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta (Direttiva) *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' April 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew leżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-data u li jħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (05418/1/2016 – C8-0139/2016 – 2012/0010(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2018/C 058/41)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (05418/1/2016 – C8-0139/2016),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati ppreżentati mill-Bundesrat Ġermaniż u mill-Parlament Svediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tal-10 ta' Ottubru 2012 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tas-7 ta' Marzu 2012 ⁽²⁾ u tad-19 ta' Novembru 2015 ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2016)0213),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽⁴⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0138/2016),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 391, 18.12.2012, p. 127.

⁽²⁾ ĠU C 192, 30.6.2012, p. 7.

⁽³⁾ ĠU C 67, 20.2.2016, p. 13.

⁽⁴⁾ Testi adottati, 12.3.2014, P8_TA(2014)0219.